MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1864/1996/1

Kawza fil-lista: 23

**L-Avukat Dottor Hugh Peralta bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappreżentanza ta' l-assenti Ilse Amend**
**Vs**
**Kevin Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-attrici Ilse Amend fid-9 ta' Gunju, 1994 fil-21:00 p.m. waqt li kienet mixja f'Gorg Borg Olivier Street, Rabat, Malta soffriet feriti ta' natura gravi u debilita' permanenti meta l-konvenut Kevin Buttigieg li kien qed isuq il-karozza Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni

R9620, b'traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel bil-karozza fuq il-persuna ta' l-attrici.

Peress illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident stradali l-attrici soffriet danni konsistenti f'debilita permanenti skond kif jirrizulta minn Dok. A sa Dok. J hawn annessi animo ritirandi u konsistenti wkoll il-konsegwenti spejjez u telf ta' qliegh kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Peress illi dan l-incident gara unikament htija u tort tal-konvenut Kevin Buttigieg li minkejja li gie debitament interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Kevin Buttigieg huwa unikament responsabbli ghall-fuq imsemmi incident stradali u ghad-danni kollha sofferti mill-attrici kif spjegat hawn fuq.

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici inkluza d-debilita' permanenti sofferta minnha f'dan l-incident stradali okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut Kevin Buttigieg ihallas lill-attrici dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 1995 u ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu, 1995, u inkluzi wkoll l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u l-Value Added Tax relattiva, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi d-domandi tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-esponenti ma jahti xejn ghall-kollizzjoni in kwistjoni billi din

giet kawzata biss b'rizultat tal-agir inkonsult tal-attrici stess.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur nomine qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni sofferti minnha rizultat ta' incident stradali li sehh fid-9 ta' Gunju 1994 ghal habta tad-9.00 pm meta dina ntlaqtet minn vettura ta' ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni R9620 misjuqa mill-konvenut.

L-incident sehh f' Gorg Borg Olivier Street fir-Rabat Malta quddiem ir-residenza numru 148[1] fejn it-triq, li hija triq principali, tidjieq u taghti ghal fejn hemm il-knisja ta' San Duminku. Din il-Qorti hija familjari mat-triq de quo, u hija familjari wkoll mal-passagg tat-traffiku ghaddej minn go fiha. It-triq principali hija fil-parti l-kbira taghha dritta, izda f' parti minnha li tghati ghall-imsemmija knisja, din tidjieq b' mod li, ghalkemm tiehu traffiku miz-zewg nahat, zewg karrozzi jghaddu paralleli vicin hafna ta' xulxin u tal-bankini li hemm fuq iz-zewg nahat tat-triq. Il-bankini huma dojoq b' mod li tghaddi persuna wahda. Hija determinanti ghall-kaz de quo il-kostatazzjoni li mill-posizzjoni fejn hemm l-imsemmija residenza, ghalkemm aktar l-isfel lejn is-Saqqajja hemm lilwa fit-triq, l-pedoni li jrid jaqsam it-triq mil-lemin ghax-xellug ghandu vizwali <u>dritta u twila</u> <u>diversi metri</u> b' mod li dana jista' jara facilment, u ghal certu tul, karrozzi gejjin mid-direzzjoni tas-Saqqajja. Fid-deposizzjoni taghha Ilse Amend tikkonferma li ".. nibqa' nghid li kien hemm kurva lura mill-incident, pero' fejn qsamt it-triq kienet dritta."[2]

[1] Okkorrenza – fol.229
[2] Ffol.222

Konformament ma' dan, is-sewwieqa li jkunu gejjin minn din id-direzzjoni kif jaqbzu l-lilwa ghandhom vizwali dritta u ghat-tul sal-imsemmija knisja.

Fil-kaz in disamina rrizulta li Ilse Amend mara ta' 54 sena ta' nazzjonalita' Germaniza kienet ma' grupp ta' turisti ta' circa hamsa u ghoxrin ruh li inizjalment kienu ghaddejjin minn fuq il-bankina tal-lemin fid-direzzjoni tal-imsemmija knisja. Hin minnhom, peress li l-bankina fuq il-lemin aktar il fuq kienet ser tispicca, dawna iddecidew li jaqsum it-triq ghal fuq il-bankina tax-xellug. Dan il-grupp ma qasamx kollu f' salt wiehed, izda tnejn u ghoxrin qassmu fuq ix-xellug, u kien baqa' Ilse Amend u zewg turisti ohra fuq il-bankina tal-lemin sabiex jattraversaw it-triq. Kien f' dan l-istadju li l-imsemmija Ilse Amend qassmet it-triq qabel it-tnejn l-ohra, li kienu ghadhom fuq il-bankina, u hekk kif wasslet vicin il-bankina tax-xellug ittajjret mill-vettura misjuqa mill-konvenut bir-rizultat li sofriet dizabilita' permanenti.

Fattur ta' natura determinanti f' dan il-kaz huwa l-fatt konfermat mix-xhieda kollha tal-attur li l-konvenut ghafas il-brakes f' daqqa, ghalkemm inutilemnet ghax l-incident xorta sehh. Irrizulta provat li nonostante li l-konvenut ghafas il-brakes f' daqqa, ma kienx hemm brakemarks fuq il-post tal-incident u lanqas debris. Dan gie konfermat kategorikament mill-Ps.455 Emanuel Sammut fid-deposizzjoni tieghu tal-4 ta' April 2003. Huwa kkonferma li, ghalkemm "fittixt ghalihom" ma sabx brakemarks.

Il-versjoni attrici dwar id-dinamika tal-incident hija fis-sens li meta Ilse Amend giet biex taqsam it-triq hija "Harist lejn ix-xellug, lejn il-lemin u lejn ix-xellug u imbaghad qsamt. Ma rajt ebda car gejja…… Ma rajt ebda dwal gejjin. Ilhaqt qsamt sal-bankina l-ohra u kelli s-sieq tax-xellug gja fuq il-bankina tan-naha l-ohra. Hassejt daqqa .."[3] u sehh l-incident. Amend issostni li hija qasmet perpendikulari mat-triq u "qsamt f' heffa." Ikkonfermat li "ma smajtx hoss ta' xi vettura qed toqrob. Qatt ma rajt il-vettura li laqtitni……. Ma smajtx hoss ta' brake u lanqas horn."[4]

---

[3] Fol.222 –sottolinear tal-Qorti
[4] Ibid.

Ix-xhieda tan-naha ta' l-attrici kemm dawk li kienu fuq il-bankina tax-xellug kif ukoll dawk li kienu warajha kkonfermaw li semghu l-hoss ta' l-applikazzjoni tal-brakes u l-hoss tad-daqqa. L-habiba taghha Elvira Weiss li dak il-hin kienet warajha, u li skond hi rat l-iter kollu ta' l-incident, qalet li "The driver applied the brakes of his vehicle sharply so that Mrs.Amend fell back onto the carriageway. Her head struck the kerbstone."[5] Dina qalet li s-sewwieq kien "clearly travelling too fast." Dan gie konfermat, fl-istess termini, mix-xhieda kollha ta' l-attur.

Il-versjoni tal-konvenut hi fis-sens li dak il-hin dan kien ghaddej fuq il-karreggjata tax-xellug fid-direzzjoni tal-knisja u ra l-grupp ta' turisti fuq il-bankina tan-naha tax-xellug jimxu wara xulxin. Dan spjega li peress li l-bankina kienet dejjqa huwa kien qed jiffoka l-attenzjoni tieghu fuqhom biex jassigura li hadd ma jfettillu jinzel il-bankina u jolqtu, stante li t-triq kienet dejjqa. Huwa jghid li ma rax il-pedoni fuq il-bankina l-ohra, u lanqas lil Ilse Amend. Fid-depoizijjoni tieghu tal-20 ta' April 2004[6] il-konvenut kategorikament jghid li huwa fl-ebda hin ma raha, la qabel l-incident, la taqsam, la mad-daqqa u lanqas wara. Huwa spjega li ma rax lil Amend peress li l-grupp ta' turisti li kienu fuq il-bankina tax-xellug "kienu qeghdin jiccajtaw fuq in-naha tieghi, u bzajt li jinizzel xi hadd saqajh minn fuq il-bankina…" Il-konvenut sostna li huwa kien ghaddej b' velocita' circa 30 k.m.s. ridott ghal circa 20 k.m.s.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-principju legali li ghandhom jiggvernaw dan il-kaz huma s-segwenti:

[1] Illi sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali, il-kondizzjonijiet atmosferici, l-istat ta' l-art u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq.

[5] Fol.82
[6] Fol.410 – *et seq.*

Inoltre, huwa d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view *[Vol.LXXXII.III.322].* "The duty to look implies the duty to see what is in plain view" *[Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54] "*Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side*"[Mewhaus vs Bastion Insurance Limited]*

Konformament mal u b' applikazzjoni tal-premess ghandu relevanza qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali: li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissur rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghd attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out" *[App.Krim. Il-Pulizija vs John Laferla 17 Gunju 1961]*

[2] Izda mhux is-sewwieqa biss, imma anke l-pedoni ghandhom l-obbligu li josservaw biex ma joholqux perikolu lill-utenti l-ohra tat-triq, u cioe' li jesercitaw dik id-diligenza ghas-sikurezza taghhom "as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances" *[Gibb citat fil-kawza PA.Joseph Gatt vs Philip Caruana deciza 21.06.2001].* Il-persuna li qed taqsam it-triq ghandha d-dover li qabel ma taqsam, taccerta ruhha li tista' tibda, taghmel u tittermina din il-manuvra taghha minghajr riskju kemm ghaliha kif ukoll ghall-haddiehor. Hija ghandha l-obbligu li tesplora b' diligenza t-triq u ma taqsamx qabel ma tkun certa li tista' taghmel din il-manuvra b' success minghajr ma tfixkel il-vetturi li jkunu ghaddejjin minn dik il-parti tat-triq. Inoltre, hija applikabbli wkoll ghall-utenti li jaqsam it-triq, il-konsiderazzjoni kontenuta fil-pragarafu precedenti.

B’ applikazzjoni tal-premess, il-Qorti tosserva li l-provi juru li meta Ilse Amend qassmet it-triq hija ma haditx dawk il-misuri li “a reasonably prudent [person] would exercise under the same circumstances.” Ghalkemm hija ssostni li qabel ma qassmet kienet esplorat it-triq sewwa u ma ratx karrozzi gejjin, it-tul tal-vizwali dritta li kellha minn fuq il-bankina minn fejn qassmet, timmilita kontra din l-asserzjoni. Inoltre, ma jirrizultax li l-konvenut kien qed isuq b’ velocita’ inkonsulta, jew fic-cirkostanzi eccessiva. Dan jinsab konfermat mill-fatt li, nonostante li huwa waqqaf f’ salt, il-brake ma hallhiex sinjali fit-triq. Il-fatt ipprovat li ma kienx hemm brakemarks fit-triq jissuffragaw it-tesi konvenuta li dan ma kienx qed isuq bi speeed, u jimmilita dak li qalu x-xhieda attrici li “he was clearly travelling too fast.”

Ghalhekk f’ dawn ic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-konvenut ma kienx qed isuq bi speed inkonsult, kif ukoll tal-fatt li Ilse Amend kellha vizwali twila u dritta fuq in-naha tax-xellug taghha, u tenut kont tal-fatt li skond ix-xhieda taghha meta bdiet taqsam hija ma ratx vetturi gejjin minn dik il-partit tat-triq, il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzjoni necessarja hija li dina ma uzatx dik id-diligenza ta’ bonus paterfamilas meta giet biex taqsam it-triq. Jista’ jkun li l-ahhar li harset kienet fuq in-naha hazina tat-triq, jew li kienet aljenata u qassmet b’ heffa sabiex tfittex tinghaqad mal-grupp li kien fuq in-naha l-ohra tat-triq; izda il-fatt jibqa’ li fic-cirkostanzi prevalenti dak il-hin u li jirrizultaw ampjament provati, ma kien hemm xejn x’ jostakolaha milli tara l-karrozza tal-konvenut gejja minn naha tax-xellug, ghajr in-nuqqas ta’ diligenza da parti taghha meta giet biex taghmel il-manuvra taghha. Dan in-nuqqas da parti taghha kienet il-kawza prossima u immedjata li pprovoka l-incident de quo. Fi kliem iehor qasmet minghajr ma esplorat sewwa l-karreggjati li kienet ser tinvadi.

Illi stabbilit li l-incident gie pprovokat minn nuqqas ta’ diligenza da parti ta’ Ilse Amend fil-manuvra tal-qsim tat-triq, il-Qorti tirriavvisa wkoll nuqqas ta’ diligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut b’ mod li dan ikkontriwixxa ghall-incident. Dan in-nuqqas jikkonsisti fil-mankanza da parti tieghu li fis-sewqan jzomm ‘a proper look out’ liema

obbligu jinkludi d-dover li is-sewwieq jkun konxju ta’ dak kollu li jkun qed jsehh fil-vicinanza immedjata teighu u li jkollu vizwali tat-triq shiha fuq iz-zewg nahat. Fil-kaz in disamina, it-triq inkluzi l-bankina hija dejqa circa seba’ metri u l-konfigurazzjoni taghha hija tali li ghas-sewwieq li jkun qed jhares il quddiem u jkun qed jzomm a proper look out, hija facili li jkollu vizwali tal-wisa tat-triq kif ukoll tal-pedoni li jkunu fuq il-bankina. Ghaldaqstant l-affirmazzjoni tal-konvenut li huwa fl-ebda mument ma ra lil Ilse Amend, lanqas meta qassmet minn quddiemu turi bic-car li l-attenzjoni tieghu kienet kompletament iffokata fuq il-bankina tax-xellug, b’ mod li ma kienx attent ghal min kien fuq il-bankina l-ohra lest biex jaqsam, u lanqas kien qed ihares quddiemu fid-direzzjoni li fiha kienet miexja l-vettura. Dan in-nuqqas jirrendih responsabbli in parte ghall-incident; ghalkemm fi grad anqas stante li l-incident de quo ma giex provokat minnu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-kawza prossima u diretta tal-incident de quo kienet primarjament [1] in-nuqqas ta’ diligenza da parti ta’ Ilse Amend meta din iddeciediet li jaqsam it-triq; u in sub ordine [2] in-nuqqas da parti tas-sewwieq li fil-hin ta’ l-incident ma kienx qed iharres fid-direzzjoni li fiha kienet miexja l-vettura, b’ hekk ikkontribwixxa ghall-akkadut. Ir-responsabilita’ tal-partijiet ghall-incident qed tigi apporzjonata u ghandha tigi sopportata mill-partijiet fi kwota ta’ zewg terzi [2/3] mill-attur nomine u fi kwota ta’ terz [1/3] mill-konvenut.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

*Damnum emergens* – Illi mill-provi rrizulta nkontestat u sufficjentement provat li konsegwenza tal-incident Ilse Amend sofriet danni emergenti fl-ammont ta’ Deutsche 43,147.32 ekwivalenti ghal Lm7,845 kalkolati bir-rata tal-kambju ta’ 5.5. Dawn jirrizultaw minn prospett prezentat mill-attur u konfermat minn Ilse Amend.[7] Il-Qorti ezaminat akkuratament dan il-prospett u d-dokumenti konfermatorji ta’ l-istess, u hija tal-fehma li huwa attendibbli sal-limitu tal-ammont fuq indikat

[7] Fols.255 *et seq.*

*Lucrum Cessans* - Illi in propositu huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet guridici maghmula minn din il-Qorti fil-kawza Mark Borg vs Gozo Channel Company Limited et [citazz.2501/00NC].

Fatturi relevanti ghal-vertenza in disamina huma l-istat ta' sahha u l-kondizzjoni tad-danneggjat kif kienu qabel l-incident, u kif ddeterjorat wara l-incident u kagun tal-istess; u jekk l-inkapacita' li sofra hijex ser tkun kagun ta' telf ta' qligh ghalih fil-futur, u f' kaz affermattiv irid jigi stabbilit il quantum ta' dan il-lucrum cessans.

Il-ligi ma taghtix indenniz ghall-inkapacita' ut sic imma ghal inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh – telf patrimonjali. *[Vol.LXIB.101]*. Dan it-telf ta' qligh ghandu jikkomprendi wkoll il-potenzjal tal-vittma li jaqla' introitu fil-futur. Id-dizabilita' necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss mal-employer prezenti izda wkoll ma terzi jew anke jekk tadhem ghal rasha*.[Vol.LXXXII.II.243].* Konsegwentement il-gurisprudenza lokali stabbiliet li l-kriterju li ghandu jifforma l-bazi tal-multiplier, mhuwiex il-life expectancy tad-danneggjat, imma hija l-aspettativa lavorattiva tieghu li llum il-gurnata, hu rikonoxxut, tista', u probabbli tissupera, l-eta' pensjonabbli; minghajr pero' ma jigi injorat il-fattur l-iehor tac-chances and changes of life li jimponi certu elasticita' ta' kriterju stante li jirrendi l-pronuncjament tal-Qorti bhala wiehed ta' probabilita'. Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta, ghalkemm fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Qorti ghandha timxi fuq kriterji kemm jista' jkun konkreti u mhux semplicement kongetturali, "huwa minnu li l-ezercizju tal-likwidazzjoni u ghoti ta' kumpnes jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista' jkun cert mija fil-mija sewwasew ghaliex wiehed irid jipprova jaqta' x' sejjer jigri jew x' jista' jkun probabbli li jsehh fil-gejjini".[8]

Izda, rigward il-komputazzjoni tal-quantum ta' dan l-aspett tad-danni, jibqa' dejjem validu, fuq livell ta' principju, dak li osservat din il-Qorti diversament

[8] Prim Awla – [JRM] *Evan Xuereb vs Vincent Spalding* deciza fl-10 ta' Lulju 2003

presjeduta u cioe' li "din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel estimu ekwitativ, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' apprezzament realistiku li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz"[9]

Illi fil-kaz in disamina, Ilse Amend fiz-zmien tal-incident kellu 54 sena[10], u kienet impjegata, tahdem go bakery.

Mill-provi ma jirrizultax kemm id-danneggjata kellha salarju fis-sena ta' l-incident 1994 jew dik precedenti, izda esebiet dokument li juri kemm kellha salarju gross fis-sena 1997[11]. Ghalhekk il-fattur tal-multiplicand ma jistax jigi komputat b' referenza ghaz-zmien ta' l-incident, izda tas-salarju tlett snin wara; dan fil-fehma tal-Qorti ghandu jwassal sabiex ma jkunx hemm awment mal-figura tas-salalrju sabiex jaghmel tajjeb ghall varjazzjoni fil-pagi u fl-inflazzjoni. Skond l-imsemmi dokument is-salarju gross li ppercepiet Ilse Amend fis-sena 1997 kien ta' DM23,070.00 ekwivalenti ghal Lm4195

Illi mir-relazzjonijiet medici redatti minn spejcalisti nkarigati ex parte minn Ilse Amend u li saru wara l-incident jirrizulta li din sofriet debilita' permanenti ta' 20%[12] Mill-provi jirrizulta wkoll li skond dokumenti esebiti mid-danneggjata dan il-percentagg gie awmentat ghal 30% mill-Pension Provider and Family Assistance Agency[13] fil-21 ta' April 1998, u rega' gie awmentat ghal 40% mill-istess agenzija

---

9 .Prim Awla – *Carmelo Muscat v Francis Schembri et* per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72)(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

10 Dep.15.12.1998 – fol.221
11 Fol.271 – Earnings Statement for November 1997
12 Rapport redatt minn Dr.Alex Jager MD, specjailista fl-ortopedija fit-18 ta' Mejju 1995 [fol.33 et]; Rapport redatt mil Professur Ulrich Lanz fis-17 ta' April 1997 [fol.56 et];
13 Fol.333

fit-13 ta' Awissu 2002.[14] In propositu l-Qorti tosserva li skond il-gurisprudenza interpretattiva nostrana ghall-finijiet ta' komputazzjoni ta' danni u senjatament tal-*lucrum cessans* id-data bazi ghandha tkun dik ta' l-incident jew zmien qrib din id-data. Konformament ma dan il-principju, il-Qorti thoss li r-relazzjonijiet ta' l-esperti medici maghmula tlett snin wara l-incident, wara li ezaminaw il-pazjenta matul dan il-perijodu, ghandhom jaghtu stampa cara tal-posizzjoni tal-pazjenta dwar id-dizabilita' ilmentata minnha; u ghalhekk ghall-finijiet tal-ezercizju in ezami ghandha tiehu l-figura ta' <u>20%</u> bhala d-dizabilita' permanenti sofferata minn Ilse Amend rizultat tal-incident de quo.

Illi kif suespost, fil-kalkolu tal-multiplier ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, mhux il-life expectancy tal-vittma, izda l-hajja lavorativa tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem ukoll minhabba dawk ic-cirkostanzi li jssejhu the chances and changes of life. Wiehed irid jezamina l-earning capacity tal-individwu, avut rigward tal-mard kif kontro bilanjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazjat.[15]. Illi ghalhekk il-multiplier m' ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjant, izda fuq l-aspettativa lavorativa tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni il-fattur tac-chances and changes of life.[16] "The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimantion in the light of the facts of the particular case and oft other comparable cases."[17] Izda l-bazi tal-multiplier ghandu jibqa' l-eta' tad-danneggjat dak in-nhar tal-incident, u mhux fiz-zmien tal-likwidazzjon tad-danni mill-Qorti, ghar-raguni li l-Qorti ghandha tfittex li tqieghed lid-danneggjat kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-incident.[18]

Illi fil-kaz in disamina tenut kont tal-fatt li fiz-zmien tal-incident Ilse Amend kellha 54 sena, u tenut kont tax-xoghol li kienet taghmel u tenut kont ukoll tal-fattur tac-chances and changes of life, il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz ghandha tapplika <u>multiplier ta' 7</u> snin.

---

[14] Fol.351
[15] Prim Awla *Carmela Muscat vs Francis Schembri* (Ibid).
[16] Vide: App.Civ. *Butler vs Heard* deciza 22 ta' Dicembru 1967
[17] Peter Cane: *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* – kwotat fil-kawza Xuereb vs Spalding [supra]
[18] Vide *Evans Xuereb vs Vincent Spalding* [supra] u kasistika hemm citata.

In propositu hija opportuna l-osservazzjoni li l-pretensjoni attrici[19] li hi fis-sens li dina ghandha tithallas is-somma rizultanti mid-differenza bejn is-somma li hadet bhala ghajnuna socjali [mill-1 ta' Settembru 1999] u s-somma li hija kienet tiehu, li kieku baqghet fl-impieg taghha, bhala paga <u>tul il-perijodu kollu</u> sad-data tal-irtirat bil-pensjoni [1 ta'Settembru 2005] , din il-pretensjoni hija monka skond is-sistema guridiku taghna stante li ma tiehux in konsiderazzjoni il-fattur tac-'chances and changes of life'.

Illi rigward il-lump sum payment reduction, jigi osservat li r-ratio ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta' l-incident u d-data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni. "Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma [ghandux] jmmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni"[20] Illi f' dan il-kaz, tenut kont tal-fatt li l-incident jirrisali ghal-Gunju 1994, u tenut ukoll kont tal-fatt li c-citazzjoni giet prezentata fil-31 ta' Mejju 1996, il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm tnaqqis ta' <u>8%</u>

B' applikazzjoni ghall-premess, d-danni konsegwenzjali rapprezentanti *lucrum cessans* f' dan il-kaz jammontaw ghas-somma ta' Lm5,403

| | | |
|---|---|---|
| Lm | 4,195 | Salarji annwali |
| Lm | 839 | Dizabilita' [20%] |
| LM | 839 * | |
| | <u>7</u> | Multiplier |
| Lm | 5,873 | |
| <u>Lm</u> | <u>470</u> | 8% Lump sum reduction |
| <u>Lm</u> | <u>5,403</u> | |

[19] Vide nota osservazzjonijiet – fol.447
[20] App.Civ.*Lawrence Caruana vs Anthony Falzon* deciza 5 ta' Ottubru 2001.

In vista tal-premess, id-danni kaggjonati lil Ilse Amend rizultat tal-incident de quo ghandhom jigu kalkolati fl-ammont ta’ komplessiv ta’ Lm13,248 rapprezentanti Lm7,845 danni emergenti u Lm5,403 lucrum cessans. Illi stante li r-responsabilita’ tal-konvenut giet apporzjonata minn din il-Qorti fi kwota ta’ terz [1/3], l-ammont net li jirrizulta dovut lill-attur nomine huwa ta’ Lm4,416

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici limitatament kif ser jinghad: tiddikjara li l-incident indikat fic-citazzjoni sehh tort kemm tal-konvenut kif ukoll ta’ Ilse Amend fi kwoti ta’ terz [1/3] u zewg terzi [2/3] rispettivament kif fuq indikat; tiddikjara li rizultat ta’ dan l-istess incident Ilse Amend sofriet danni konsistenti f’ *lucrum cessans* u danni emergenti fl-ammont komplessiv ta’ Lm13,248, li terz minnhom, ammontanti ghas-somma ta’ erbat elef, erba mija u sittax il-lira Maltin [Lm4,416], ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-attur nomine; u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ Lm4,416, flimkien mal-imghax legali mid-data ta’ dan il-gudizzju sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet fil-kwoti fuq indikati, fis-sens ta’ 1/3 jkunu a kariku tal-konvenut, filwaqt li r-rimanenti 2/3 jibqghu a kariku tal-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------